22003D0058

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 58/2003

tas-16 ta' Mejju 2003

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

Il-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 17/2003 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2056/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim:

"– **32002 R 2056**: Ir-Regolament (KE) Nru 2056/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU L 317, tal-21.11.2002, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamnent (KE) Nru 2056/2002 fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 76.
([2]) ĠU L 317, tal-21.11.2002, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2003, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Mejju 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.